**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 30 ta' Jannar 2001

Il-Pulizija
Spettur Alexandra Farrugia Mamo
Spettur Sandro Zarb

Vs

Lasaad Ben Mahmoud Lazrak

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Lassaad Ben Mahmoud Lazrak, ta' 33 sena, bin Mahmoud u Salha imwielda Berxiex, imwieled Tunis fis-6 ta' Ottubru 1967 u residenti numru 19, Beheg 10,202, Elouardia, Tunis, detentur ta' passaport Tunezin bin-numru M498288,mahrug f'Tunis, fil-11 ta' Novembru 2000;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar gimghat u cioe' fl-20 ta' Jannar 2001, u/jew fil-jiem ta' qabel uwara din il-gurnata, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra kemm bankarji kif ukoll kummercjali illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta'oggetti jew jigbor depozitu jew raha minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe' iffalsifika Swiss Bankers Travellers Cheque ta' 500 SFr, u aktra talli ghamel uzu mill-istess karti imsemmija udan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet,dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe' ghamel faslsifikazzjoni fi Swiss Travellers Cheques u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, akritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm100, bi hsara ta' Euro Change Bureau u Exchange Bureaus ohrajn u persuni ohra, bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 309, u 310(1) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-fedina penali tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat kif ukoll l-istqarrija volontarja tieghu, temmen illi piena karcerarja f'dan il-kaz mhix adekwata.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-piena, fil-waqt li din il-Qorti qed issib lill-imsemmi imputat hati ta' kif akkuzat, qeghda tikkundannah ghal sena (1) prigunerija u tordna illi din is-sentenza ma' tibdix issehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Din il-Qorti qeghda wkoll tordna t-tkeccija mmedjata ta'dan l-imputat minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.